IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2018
COM(2018) 430 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju

fir-Rumanija

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta’ aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju

fir-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 121(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 121 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jippromwovu finanzi pubbliċi fis-sod fuq terminu medju permezz tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u s-sorveljanza multilaterali sabiex tiġi evitata l-okkorrenza ta’ defiċit eċċessiv tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) huwa bbażat fuq l-objettiv ta’ finanzi pubbliċi sodi bħala mezz ta’ tisħiħ tal-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli b’saħħtu li jwassal biex jinħolqu l-impjiegi.

(3) Fis-16 ta’ Ġunju 2017, il-Kunsill irrakkomanda li r-Rumanija tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li r-rata ta’ tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett[2] ma teċċedix it-3,3% fl-2017, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta’ 0,5 % tal-PDG, u b’dan tqiegħed lill-pajjiż fit-triq ta' pjan ta’ aġġustament xieraq lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju; Fil-5 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill ikkonkluda li r-Rumanija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017. Fuq din il-bażi fil-5 ta’ Diċembru 2017, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjoni riveduta għar-Rumanija biex tieħu l-miżuri neċessarji biex ikun żgurat li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx it-3,3 % fl-2018, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta’ 0,8% tal-PDG

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

[2] L-infiq pubbliku primarju nett tal-gvern huwa magħmul mill-infiq totali tal-gvern bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax, l-infiq fuq programmi tal-Unjoni kompletament korrisposti mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u t-tibdil nondiskrezjonarju fl-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta’ erba’ snin. Inkluży fil-kalkolu hemm il-miżuri diskrezzjonali ta’ dħul jew ta’ żieda fid-dħul obbligatorji bil-liġi. Il-miżuri ta’ darba kemm finnaħa tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

(4) Fl-2017, abbaži tal-previżjoni tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2018 u d-data dwar l-eżitu tal-2017 ivvalidata mill-Eurostat, it-tkabbir tal-infiq pubbliku primarju nett kien ħafna ogħla mill-valur referenzjarju tal-infiq, li jindika devjazzjoni sinifikanti b'marġni wiesa' (devjazzjoni ta' 3,3 % tal-PDG). Il-bilanċ strutturali ddeterjora għal -3,3 % tal-PDG minn pożizzjoni ta' -2,1 % tal-PDG fl-2016, li jindika wkoll li kien hemm devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament strutturali rakkomandat b'marġni wiesa' (devjazzjoni ta' 1,7 % tal-PDG). Stima ta' punt ogħla għat-tkabbir potenzjali tal-PDG meta mqabbel mal-medja ta' terminu medju li tirfed il-parametru referenzjarju tal-infiq, kif ukoll tnaqqis fl-investiment pubbliku, li huwa attenwat fil-parametru referenzjarju tal-infiq, għandhom impatt negattiv fuq id-daqs tad-devjazzjoni indikat. Irrispettivament minn din id-differenza, iż-żewġ indikaturi jikkonfermaw devjazzjoni sinifikanti mir-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-PST fl-2017.

(5) Fit-23 ta' Mejju, wara valutazzjoni ġenerali, il-Kummissjoni kkunsidrat li fir-Rumanija teżisti devjazzjoni osservata sinifikanti mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju u ħarġet twissija lir-Rumanija b'konformità mal-Artikolu 121(4) TFUE u l-Artikolu 10(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(6) Skont l-Artikolu 10(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, fi żmien xahar mid-data tal-adozzjoni tat-twissija, jenħtieġ li l-Kunsill jirrakkomanda lill-Istat Membru kkonċernat jieħu l-miżuri ta' politika meħtieġa. Ir-Regolament jipprevedi li r-rakkomandazzjoni tistabbilixxi skadenza ta' mhux aktar minn ħames xhur sabiex l-Istat Membru jindirizza d-devjazzjoni. Fuq din il-bażi skadenza tal-[15 ta' Ottubru 2018] għar-Rumanija biex tindirizza d-devjazzjoni tidher xierqa. Sa din id-data jenħtieġ li r-Rumanija tirrapporta dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni.

(7) Abbaži tal-proġettazzjonijiet tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-previżjoni tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2017, fl-2018 u fl-2019 ir-Rumanija se tibqa' fi żminijiet ekonomiċi normali. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku tar-Rumanija huwa anqas mil-livell limitu ta' 60% tal-PDG. Minn issa 'l quddiem, l-isforz strutturali minimu meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 1466/97 u l-matriċi ta' aġġustamenti, li tinkludi fil-kalkolu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi prevalenti u t-tħassib possibbli dwar is-sostenibbiltà, jammontaw għal 0,5% tal-PDG kemm għall-2018 kif ukoll għall-2019.

(8) Id-defiċit strutturali tar-Rumanija żdied bi 2,1 % tal-PDG fl-2016 u b'1,2 % tal-PDG fl-2017, għal 3,3 % tal-PDG fl-2017. Biex jikkomplementa r-rekwiżit tal-aġġustament minimu jenħtieġ li jsir sforz addizzjonali u persistenti biex jagħmel tajjeb għad-devjazzjoni kumulattiva u biex ir-Rumanija tinġieb lura fuq il-pjan ta' aġġustament xieraq wara t-telf tal-2016 u l-2017. Jidher li sforz addizzjonali ta' 0,3% tal-PDG ikun xieraq fid-dawl tal-kobor tad-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament rakkomandat lejn objettiv baġitarju ta' terminu medju u dan jaċċellera l-aġġustament lura lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju.

(9) It-titjib meħtieġ tal-bilanċ strutturali b'0,8 % tal-PDG kemm għall-2018 kif ukoll għall-2019 huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma teċċedix it-3,3% fl-2018 u l-5,1 % fl-2019.

(10) Il-previżjoni tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2018 tipproġetta deterjorament ulterjuri tal-bilanċ strutturali b'0.5 % tal-PDG fl-2018 u 0,4 % tal-PDG ulterjuri fl-2019. Għaldaqstant, titjib strutturali ta' 0,8 % tal-PDG kemm fl-2018 kif ukoll fl-2019 jissarraf fi ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' rendiment strutturali totali ta' 1,3 % tal-PDG fl-2018 u miżuri addizzjonali ta' rendiment strutturali ta' 1,2 % tal-PDG fl-2019

meta mqabbel mal-linja bażi attwali tal-2018 mill-previżjoni tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2018.

(11) Il-previżjoni tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tipproġetta defiċit pubbliku ta' 3,4 % tal-PDG fl-2018 u 3,8 % tal-PDG fl-2019, li jkun ogħla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. L-aġġustament strutturali meħtieġ jidher xieraq ukoll biex jiġi żgurat li r-Rumanija tirrispetta b'marġni t-3 % tal-PDG tal-valur referenzjarju tat-Trattat fl-2018 u fl-2019.

(12) Jekk ir-Rumanija tonqos milli taġixxi fuq rakkomandazzjonijiet preċedenti biex tikkoreġi d-devjazzjoni sinifikanti osservata kif ukoll ikun hemm ir-riskju li teċċedi l-valur referenzjarju tat-Trattat, tinħoloq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni urġenti sabiex il-politika fiskali tagħha tinġieb lura fuq pjan prudenti.

(13) Huwa xieraq li din ir-rakkomandazzjoni tkun pubblika.

(14) Sabiex jintlaħqu l-miri baġitarji rakkomandati, huwa kruċjali li r-Rumanija tadotta u timplimenta b'mod rigoruż il-miżuri neċessarji u tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-iżvilupp tal-infiq kurrenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

(1) Jenħtieġ li r-Rumanija tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix it-3,3 % fl-2018 u 5,1 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,8 % tal-PDG kull sena, u b'dan tqiegħed lill-pajjiż fit-triq ta' pjan ta' aġġustament xieraq lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju.

(2) Jenħtieġ li r-Rumanija tuża kull qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit. Jenħtieġ li l-miżuri ta' konsolidament baġitarju jiżguraw titjib dejjiemi fil-bilanċ strutturali pubbliku b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir.

(3) Jenħtieġ li r-Rumanija tagħti rapport lill-Kunsill sal-[15 ta' Ottubru 2018] dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni. Dan ir-rapport jenħtieġ li jipprovdi biżżejjed miżuri mħabbra speċifiċi u kredibbli, inkluż l-impatt baġitarju ta' kull waħda minnhom, kif ukoll proġettazzjonijiet baġitarji aġġornati u dettaljati għall-2018-2019.

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President